*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 79**

**It-Tnejn 10 ta' Diċembru 2018**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Cassar-Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Daniel Spiteri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**79.1** ***<u>Qari tal-ittri ta' apoloġiji:</u>***

**79.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill illi hemm ittra waħda t' apoloġija tal-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri.

**79.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 78 tas-26 ta' Novembru 2018:</u>***

**79.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab biex issir emenda f'paġna 2 artiklu 78.2.2 il-ħames paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej.

*''Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi hu jaqbel mal-Kunsillier is-Sur John B Camilleri pero` s-sidien tal-ħwienet għadhom s'issa jistennew li it-trakk tal-Wasteserv quddiem il-bieb tal-bandli u jmorru jarmu kollox fih u ħadd mhu jagħti każ is-separazzjoni anke jekk kellhom ordni mill-Wateserv sabiex jisseparaw l-iskart''.*

**79.2.2** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri talab biex issir emenda f'paġna 10 it-tielet paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej.

*''Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-bord l-ewwel ser jevalwa kull offerent u iridu jkunu technically,financially u administratively compliant jekk t-tender ma jgħaddix minn dawn it-tlett kriterji jaqa, wara din l-evalwazzjoni jintgħażel l-orħos offerent. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-membri tal-bord ser ikunu l-Accountant is-Sinjura Doreen Calleja li ser tieħu ħsieb is-sezzjoni tal-finanzi, il-Perit Is-Sinjura Kylie Borg Marks li ser tieħu ħsieb is-sezzjoni tat-teknika u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ta' Marsaxlokk is-Sur Svetlick Flores li huwa persuna intiża ħafna fit-tenders u għaldaqstant għal dan it-tip ta tender ser ikun ta' ħtieġa fil-bord, u -Segretarju Eżekuttiv is-Sur Josef Grech ser ikun ic-Chairman tal-bord''.*

**79.2.3** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar talab biex issir emenda f'paġna 6 artiklu 78.5.1 l-aħħar paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej.

***''Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ippropona l-approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2019 u l-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni. Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar astjena biss mill parti tal-allokazzjoni għal bini tal-Kunsill li jammonta aktar minn €400,000''.***

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elsiabeth Cassar ippropon iet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 1 astenzjoni.***

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

**79.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 3 paragrafu 78.2.6 jekk konniex ktibna lil Lands Department fuq il-problema tal-imwejjed u siġġijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-ittra bagħtnija. Huwa kompla jgħid illi kemm is-Sindku u kemm hu kellmu lid-Direttur tal-Lands iżda azzjoni għada ma ittieħdetx.

Is-Sindku qal li filkas nerġu nibgħatulhom.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wieħed mis-sidien kellimhom u irreloga ruħhom.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi l-binja li hemm imwaqqa fi Triq ix-Xatt li kienet ta' Albani irridu nkunu ċerti illi qed josserva l-*building line*.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi irridu ninfurmaw lil Lands Department.

Il-Kunsill qabel unanimament li niktbu lil Lands Department fil-konfront tal-*building line*.

**79.2.5** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 4 paragrafu 78.2.7 rigward il-*mobile toilet* tat-Tiffany's għaliex din qeda *eyesore*. Huwa qal peress li fix-xitwa l-latrina ta' taħt il-knisja tagħlaq fit-8.00pm, issuġġerixxa illi nkelmu lis-sid tat-Tiffany's u nistaqsuh jekk iridx illi l-latrina tibqa miftuħa sal-11.00pm u jħallas id-differenza sid it-tiffany's biex b'hekk titneħħa dik l-*eyesore* u anke r-resident jkollom il-latrina miftuħa għal iktar ħin.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-aħjar jekk isir ftehim dirett bejn il-kuntratur u sid it-Tiffany's.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk bħala ħanut hux obbligat li jkollu *toilets*.

Is-Sindku qal li kien hemm xi applikazzjoni fuqha, iżda min-naħa l-oħra hemm ħwienet li m'għandhomx *toilets*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bħala ħanut jista japplika lil Lands Department sabiex jitlob biex jinbena *toilet* fil-ġenb tal-ħanut tiegħu apparti permessi oħra li jkun hemm bżonn.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fis-sajf peress li kien hemm il-logħob tat-tazza tad-dinja ma konniex oġġezjonajna għal *mobile toilet* minħabba li kien hemm avveniment għaddej imma issa la spicca kollox għandu jerġa jiġi kollox għan normal.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi s-suġġeriment tiegħu biex isir xi tip ta' ftehim mas-sid il-gabbana li huwa legalment korrett.

Il-Kunsillier is-Sur Lawernce Ciantar qal li la jibda ix-xogħol ta' riġenereazzjoni tal-Ġnien Sant'Anna, hemmek jrid jsir *fence*.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nitolbu lil sid il-gabbana biex jmexxi l-*mobile toilet* wara il-gabbana.

**79.2.6** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 4 artiklu 78.2.10 rigward il-ħsara tal-mollijiet. Huwa qal illi l-*bridge* ta' faċċata tas-*Summer Nights* hemm planka li hija maqsuma u diġa nizlet nofsa fil-baħar.

Il-Kunsill qabel unanimament illi niktbu lis-Sur Christopher Farrugia ta' TMalta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-ħsara li hemm fuq il-mollijiet li ser tisewwa ser tiswa eluf kbar.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li mportanti li ma nkomplux intaqbu toqob fuq il-*bridge* ta' faċċata tas-*Summer Nights*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi meta taqbu t-toqod ħadu ħsieb illi it-toqob jittaqbu fil-vojt tal-planki u mingħajr ma` jinqata l-ħadid .

**79.2.7** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 10 l-għaxar paragrafu rigward ir-ramel li kien ser jintefa fil-Bajja San Tumas f'liema area kien ser jintefa.

Is-Sindku qal li fil-laqgħa li kellu mas-Sur Fsadni mill-MTA fejn kien hemm ukoll is-Sindku ta' San Ġiljan, issemmew il-bajja ta' San Ġorġ u dik tal-Balluta. Huwa qal li s-Sur Fsadni kien qed jirreferi għal bajja ż-żgħira ta' quddiem il-kiosk Sensi. Is-Sindku kompla jgħid illi bħal ma sar San Ġorħ u Balluta wieħed jipprova Marsaskala.

Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard staqsiet għala ser jsir hekk meta kienu qalu illi għalxejn jintefa ir-ramel għaliex ma grigalata l-baħar jkaxkar ir-ramel.

Is-Sindku qal illi huuma spjegawlu illi meta jiġri dan ir-ramel jerġaw iġorruh ġol bajja. Huwa kompla jgħid illi hu kien infurmahom illi l-bajja fijha ħafna alka. Huwa qal li huma kienu qalulhu illi jistgħu joffru €20,000 sabiex issir *mobile pulbic convenience* ħdejn il-kamra tal-ħaddiema u hu jixtieq illi din il-*mobile public convenience* issir għaliex hija utli ħafna.

Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard qatsiet jekk ir-ramel hux ser jiżdied.

Is-Sindku qal li ser jaraw huma.

**79.2.8** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa fuq paġna 4 artiklu 78.2.8 jekk għandiex risposta fuq il-*master plan* għal Marsaskala.

Is-Sindku qal li kellem lil Ministru Ian Borg u qallu li qed jaħdem fuqha.

**79.3** ***Komunikazzjoni mis-Sindku:***

**79.3.1** **Ħaddiema tal-Skema Community Workers Scheme:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi l-laqgħa mal-ħaddiema għamilha u assenja xogħol lil ħaddiema kollha. Huwa qal li żewġ ħaddiema jgħamlu żebgħa, wieħed mal-kuntrattur tal-latrini, tnejn oħra mal-ELC, tnejn jgħinu lil ħaddiema tal-RSS u wieħed jsewwi kaptelli u biċċiet żgħar ta' bankini.

**79.3.2** **AGM 2019 li ser issir f'Helsinki (35/4984/18/I):**

Is-Sindku informa lil Kunsilliera illi l-AGM tas-sena id-dieħla ser issir ġewwa Helsinki ġo Finland bejn is-16 u 19 ta' Mejju 2019 u ser jitilgħu d-delegazzjoni tas-soltu li tikkonsisti fis-Sindku, l-Kunsillier Sandro Gatt, l-Kunsillier Charlot Mifsud u s-Sur Ryan Portelli.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**79.3.3** **Ċirkulari SPI 13/208 – Ħruġ ta' Permessi għal Depożitu ta' krejn jew makkinarju ieħor – għeluq ta' triq jew parti minnha (35/2025/18I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi saret riforma ġdida fuq il-ħruġ tal-permessi ta' krejns jew makkinarju ieħor fejn il-kunsill jrid jgħamel talba lil TMalta minn 4 ijiem qabel u wara li jingħata l-permess il-Kunsill jrid jara jekk hemmx gwardjani u wara jingħata il-permess. Huwa qal li din ser tikreja problema kbira għaliex mhux prattika u jkun aħjar illi għal makkinarju żgħir bħal *cherry picker u lifters* nibqgħu naħdmu kif konna. Huwa qal ukoll illi qed nitolbuhom lil kull min jiġi jgħamel permess ta' lifter jew cherry picker jitneħħew il-parkeġġi tal-faċċata ukoll.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**79.4** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**

**Ma kienx hemm mistoqsijiet.**

**79.5** **Rapporti:**

**79.5.1** **Ma kienx hemm rapporti**

**79.6** **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:**

Ma kienx items oħra.

**79.7 Korrispondenza**

**79.7.1 Performance Bonus tal-istaff għas-sena 2018:**

Is-Sindku informa lil Kunsilliera illi l-ħaddiema klerikali flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv waslu għal-*performance bonus* u huwa jaqbel illi jingħata l-massimu lil kull impjegata kif ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**79.7.2 Is-Sinjura Sharon Schembri titla notch għal Scale 11 punt 6:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi is-Sinjura Sharon Schembri f'Diċembru titla notch jiġifieri skala 11 punt 6.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**79.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskema ta' pagamenti:**

**79.8.1 Il-Viċi Sindku Dr Desiree Attard staqsiet fuq pagamenti nru 6320 fuq xiex weħilna multa tal-qorti.**

Is-Sindku spejga illi kien jrid jitla xhud tal-każ tat-tankijiet tal-gass tal-ekx beluga fejn ma setax jitla għax kien imsiefer. Huwa kompla jispjega illi hu prova jaqbad lil Avukat biex jinfurmah pero` ma setax jaqbdu. Is-Sindku kompla jgħid illi hu ried li jsir appell għax ma kientx ġusta pero` l-appell kien ser jiswa iktar flus mil-multa.

Il-Viċi Sindku Dr. Desiree Attard qalet li għandna inkomplu nagħmlu *follow up* fuq dan il-każ.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li aħna ma konniex qblina li jsiru dawn it-tankijiet tal-gass.

Is-Segretarju Eżeuttiv qal li l-permess lil dan l-istabiliment ħariġlu minkejja l-oġġezzjoni.

**79.8.2** Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li qed jinnotta illi l-ħaddiema qed jixtru ħafna mingħand Ironmonger wieħed u huwa ġibed l-attenzjoni diversi drabi sabiex jinqasmu.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb illi l-affarijiet tal-latrina jinxtraw mingħand The Ironmonger filwaqt li kien diġa kellem lil ħaddiema sabiex jibdew jixtru mingħand il-JS Ironmongery ukoll.

**79.8.3** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-*invoices* li daħlu tard u ser jippreżenthom waqt il-laqgħa:

| Kreditur | Deskrizzjoni | Nru tal-Invoice | Ammont |
|---|---|---|---|
| Ms. Annalise Farrugia | Public Convenience 13th November till 12th December | 11-18af | €2059.59 |
| R&A Waste Services Ltd | Waste Collection November 2018 Sant Antnin | 201811005 | €5168.07 |
| R&A Waste Services Ltd | Waste Collection November 2018 Organic Waste | 201811010 | €4160.00 |
| Mr. Jimmy Muscat | Bulky Refuse November 18 | 011/18 | €2308.95 |



***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**79.9** **Mozzjonijiet:**

**79.9.1** **Ma kienx hemm mozzjonijiet**

**a)** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fiex wasal it-tender tal-ġnien Sant'Anna *Measure 4* għaliex f'Ottubru kienu iltaqgħu mal-Perit b'urġenza u wasalna Diċembru u t-*tender* għadu ma ħarieġx.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ħrieġna ħafna *tenders* qabel. Huwa qal li kien ikkuntatja lil Perit Audrey Ann diversi drabi u wieġbitu li qed tagħmel l-almu biex jinħareġ fl-iqsar żmien possibli.

**b)** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq iz-*zebra crossing* ta' ħdejn il-knisja fiex waslet.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi saret il-korrispondenza finali bejn il-Perit tal-kunsill u l-Perit tat-TMalta.

**c)** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi jekk għat-tender tal-bini tal-Kunsill ma jittenderja ħadd naqbdu u noħorġu sejħa mill-ewwel.

Il-Kunsill qabel dwar dan minbarra l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar.

**79.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss :**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar il-Ħamis 17 ta' Jannaru 2019 fis-6:00pm.

Ikkonfermat illum 10 ta' Diċembru 2018.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |